MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## NADIA H. VELLA

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2014

Talba Numru. 528/2012

**Joe Bonello K.I. 135843(M)**

**vs.**

**Paul Robert Field K.I.11547(A) u**
**Josette Sciberras K.I.226373(M)**

It-Tribunal

**Preliminari**

Ra l-**Avviż tat-talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fis-27 ta' Lulju 2012, fejn l-attur talab mingħand il-konvenuti s-somma ta' tlett'elef, erba' mija u erbgħa u disgħin Ewro u sitt ċenteżmi (€3494.06) u fejn intqal illi:

> Peress illi l-attur huwa l-proprjetarju tal-fond bl-indirizza View Point, Block 5, Flat 4, Snajjin Street Mellieħa;
>
> U peress illi l-istess attur kera l-imsemmi fond lill-intimati;

U peress li l-istess intimati naqsu milli jħallsu l-ammont ta' seba' mija, sitta u disgħin Euro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€796.55) rappreżentanti f'kontijiet pendenti tad-dawl u l-ilma gravanti l-istess fond fiż-żmien il-kirja msemmija;

U peress li l-istess intimati kkaġunaw ħsara fuq l-għamara fl-istess imsemmi fond mikri lilhom mill-attur, liema ħsara tammonta għas-somma ta' ħames mija u ħamsa u disgħin ewro (€595);

U peress li l-istess intimati għamlu numru ta' xogħlijiet strutturali fl-istess imsemmi fond mikri lilhom u dan mingħajr il-kunsens jew l-awtorizzazzjoni tal-istess attur u dan b'dannu għall-istess attur;

U peress li sabiex l-istess fond jerġa' jiġi ripristinat għal dak li kien qabel ma l-intimati għamlu l-imsemmija xogħlijiet strutturali, l-ispejjeż relattivi għat-tneħħija u l-irranġar ta' tali xogħol strutturali jammontaw għal elfejn, mija u sebgħin Ewro (€2170);

U peress li għalhekk kumplessivament l-intimati huma debituri tal-attur għas-somma kumplessiva ta' tliet elef, ħames mija u wieħed u sittin Euro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€3561.55);

U peress li l-intimati, għalkemm debitament interpellati sabiex iħallsu dan l-ammont dovut lill-attur u dan anke permezz ta' ittra uffiċjali ai termini tal-Artikolu166A, datata 25 ta' Mejju 2012, baqgħu inadempjenti, għalkemm l-istess intimati, permezz tar-risposta għall-ittra uffiċjali mibgħuta lilhom, huma ammettew biss it-talba limitatament għas-somma ta' seba' mija u sitta u disgħin Ewro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€796.55), liema ammissjoni iżda ma tistax tiġi esegwita stante s-somma rimanenti mhux ammessa.

U peress li l-ammont dovut lill-attur jeżorbita l-ġurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal, l-attur jiddikjara li huwa qiegħed jirriduċi l-ammont pretiż minnu għas-somma ta' tliet elef, erba' mija u erba' u disgħin Ewro u sitt ċenteżmi (€3494.06) għall-fini ta' kompetenza;

Għalhekk l-intimati Paul Robert Field u Josette Sciberras qedgħin jintalbu jħallsu lill-attur l-ammont kumplessiv ta' tliet elef, erba' mija, u erbgħa u disgħin Ewro (€3494.06) hekk kif ridott mis-somma ikbar ta' tliet elef, ħames mija u wieħed u sittin Ewro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€3561.55) rappreżentanti kwantu għal seba' mija, sitta u disgħin Ewro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€796.55) rappreżentanti f'kontijiet pendenti tad-dawl u l-ilma gravanti l-istess fond fiż-żmien il-kirja msemmija kif gia ammess minnhom iżda mhux imħallsa, ħames

mija u ħamsa u disgħin Ewro (€595) ħsara fuq l-għamara fl-istess imsemmi fond mikri lilhom mill-attur u elfejn, mija u sebgħin Ewro (€2170) rappreżentanti l-ispejjeż relattivi sabiex il-fond in kwistjoni jerġa' jiġi ripristinat għal dak li kien qabel ma l-intimati għamlu l-imsemmija xogħlijiet strutturali fih. Bl-ispejjeż kollha inklużi u bl-imgħaxijiet mill-25 ta' Mejju 2012 skont il-liġi sad-data tal-pagament effettiv, inklużi l-ispejjeż relattivi mal-ittra uffiċjali ai termini tal-Artikolu 166Ata' Mejju 2012 kontra l-intimati li huma nġunti minn issa għas-subizzjoni.

Ra r-**Risposta tal-konvenuti** ppreżentata fil-15 ta' Novembru 2012, fejn huma eċċepew:

Illi l-konvenuti qed jammettu t-talba ta' seba' mija sitta u disgħin Ewro (€796.55) rappreżentanti kontijiet pendenti tad-dawl u l-ilma gravanti l-fond in kwistjoni fiż-żmien il-kirja.

Illi t-talba ta' ħamsa mija u ħamsa u disgħin Ewro (€595), rappreżentanti ħsara fil-fond mikri, hija infondata fil-fatt u fid-dritt u dan minħabba li l-konvenuti ma kkaġunaw l-ebda ħsara fil-fond.

Illi t-talba ta' elfejn, mija u sebgħin Ewro (€2,170) rappreżentanti spejjeż għat-tneħħija ta' xogħol strutturali hija infondata fil-fatt u fid-dritt u dana stante illi l-konvenuti ma għamlu l-ebda xogħol strutturali fil-fond in kwistjoni.

Illi mingħajr ħsara għall-eċċezzjoni preċedenti, kwalunkwe xogħlijiet saru bil-kunsens preventiv tal-attur.

Illi mingħajr ħsara għall-eċċezzjonijiet preċedenti, is-somma mitluba hija eċċessiva u eżagerata.

Salv eċċezzjoni ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra l-attur.

Ra d-dokumenti kollha esebiti inkluż l-affidavit tal-attur;

Sema' x-xhud Matthew Bartolo prodott mill-attur.

Ra illi minkejja li t-Tribunal alloka erba' seduti għas-smigħ tal-provi tal-konvenuti u cioe tas-8 ta' Novembru 2013, 6 ta' Diċembru 2013, 23 ta' Jannar 2014 u 20 ta' Frar 2014, dawna la qatt ma dehru u lanqas ipproduċew ebda prova in sostenn tal-eċċezzjonijiet tagħhom, u għaldaqstant it-Tribunal iddikjara il-provi tal-konvenuti magħluqa;

Ra l-verbal tal-20 ta' Frar 2014 fejn il-kawża ġiet differita għas-seduta odjerna sabiex tingħata s-sentenza, in difett t'ostaklu.

**Konsiderazzjonijiet**

It-Tribunal ikkonsidra x-xhieda mogħtija mill-attur, u huwa tal-fehma li din ix-xhieda hija verosimili u tinsab korroborata kemm mid-dokumenti esebiti, u wkoll mix-xhud minnu prodott. Ikkunsidra wkoll li l-konvenuti bl-ebda mod ma kkontestaw ix-xhieda mressqa mill-attur, minkejja li kellhom ampjament opportunita` li jagħmlu dan, u għaldaqstant, għal din ir-raġuni wkoll, it-Tribunal jagħżel li jemmen il-verżjoni tal-fatti mistqarra mix-xhieda prodotti min-naħa attriċi.

Konsegwentement, it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-konvenuti huma responsabbli għad-danni sofferti mill-attur. Huwa tal-fehma wkoll illi l-ammont mitlub bħala danni, huwa ammont ġustifikat u li ġie sodisfaċentement ippruvat.

**Deċide**

Għaldaqstant, in vista tas-suespost, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi dan il-każ billi jilqa' t-talba attriċi u jikkundanna lill-konvenuti in solidum jħallsu lill-attur is-somma ta' tlett'elef, erba' mija u erbgħa u disgħin Ewro u sitt ċenteżmi (€3494.06), bl-imgħax legali dekorribbli mill-25 ta' Mejju 2012, data tal-ittra uffiċjali fl-ismijiet premessi, u numerata 1139/12, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċjali ċċitata, jkun a karigu tal-konvenuti solidalment.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------